**20 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Teresa Vella

*versus*

Anthony Cassar ne. et.

**Kolliżjoni — Danni — Assikurazzjoni — Responsabbiltà.**

*Is-sid ta' karrozza li jagħtiha b'kiri lil persuna oħra mhux responsabbli għad-danni kaġunati b'dik il-karrozza minħabba kolliżjoni li fiha jkun involut dak li ħadha b'kiri minn għandu, jekk sid il-karrozza jkun kriha lil persuna kapaċi ssuq, u l-kolliżjoni ma tkunx ġrat minħabba xi difett fil-karrozza.*

*Hu veru li l-kumpannija tal-assikurazzjoni ma għandha ebda relazzjoni mal-persuna li sofriet il-ħsara bil-kolliżjoni, imma hu veru wkoll illi, meta l-kumpannija assikuratriċi tieħu konjizzjoni tal-"claim" li d-danneġġjat jagħmel għall-ħsara minnu sofferta, jinħoloq rapport ġdid, dak ċjoè illi l-kumpannija tħallas, jekk ikun il-każ, l-indenniz xieraq lid-danneġġjat; b'mod li l-kumpannija ma tistgħax aktar tiġi ritenuta bħala estranea di fronti għad-danneġġjat; u kwindi dan jista' jipproċedi kontra l-kumpannija tal-assikurazzjoni bl-azzjoni diretta.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi f'Ħaż-Żebbuġ, fis-2 p.m. taż-17 ta' Awissu 1952, il-konvenut Gordon, li kien qiegħed isuq il-karrozza Morris numru 13821, minħabba imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan, ħabat max-char-a-banc tal-attriċi nru. 2638 u kkaġunalu diversi ħsarat; u billi minħabba dawn il-ħsarat ix-char-a-banc in kwistjoni kellu jibqa' inattiv għal sitt ijiem; u billi l-karrozza li kien qiegħed isuq il-konvenut Gordon kienet tappartjeni lill-konvenut Caruana u tinsab debitament assigurata bil-polza no. 1046 mad-ditta rappreżentata mill-konvenut Cassar nomine; u billi l-konvenut Cassar qiegħed jiddeklina l-pagament tal-ħsara, allavolja ġie biha notifikat b'ittra uffiċjali tat-22 ta' Awissu 1952; talab li l-konvenuti, jew min

minnhom, (1) ikunu dikjarati responsabbli tal-kolliżjoni fuq riferita, (2) u l-konvenuti, jew *min minnhom*, ikunu kundannati jħallsu lill-attriċi, *in linea* ta' danni, somma ta' flus għad-"damnum emergens" u "lucrum cessans", li għandha tiġi likwidata minn din il-Qorti per mezz ta' perit. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Awissu 1952, fuq riferita, kontra l-konvenut;

*Omissis*;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-perit legali, fl-ewwel relazzjoni tiegħu, issottometta (1) illi l-kolliżjoni saret bi ħtija tal-konvenut Lieutenant Commander Gordon u ta' Carmelo Vella, bin l-attriċi, u dan fil-proporzjon ta' kwart u tliet kwarti rispettivament; (2) illi l-ammont tad-danni sofferti mill-attriċi huwa ta' £17. 10. 0d; u (3) illi l-konvenuti Anthony Cassar nomine u Salvatore Caruana ma kellhom ebda ħtija fil-kolliżjoni "de qua". Liema konklużjonijiet il-perit reġa' kkonferma fl-imsemmija relazzjoni tiegħu supplementari;

Illi l-konvenut Anthony Cassar irrimetta ruħu għażżewġ relazzjonijiet peritali, iżda l-attriċi kkontestat dawk il-konklużjonijiet, almenu għar-rigward tal-inċidenza tar-responsabbiltà;

Illi fil-kawża odjerna huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-persuni responsabbli għall-kolliżjoni u dawk talvolta tenuti għar-riżarċiment tad-danni konsegwenzjali;

Illi, kwantu għall-ewwel xorta ta' responsabbiltà, hu evidenti illi l-konvenuti Anthony Cassar u Salvatore Caruana ma jistgħux ikunu tenuti, billi lanqas kienu preżenti meta l-kolliżjoni saret. Fiha ħadu parti l-konvenut Gordon u l-imsejjaħ fil-kawża Carmelo Vella, li kienu jsuqu l-vetturi *nvoluti f'dik il-kolliżjoni*; salva l-kwistjoni tal-grad ta' responsabbiltà, li tiġi eżaminata l-quddiem;

Illi, kwantu għar-riżarċiment tad-danni, il-perit legali rritjena responsabbli lill-konvenut Gordon u l-imsejjaħ fil-

kawża Carmelo Vella fil-proporzjon ta' kwart u tliet kwarti, u eżonera għal kollox lill-konvenut Caruana, billi ma rriżultax li huwa kera l-karrozza lil persuna nkapaċi li ssuq, jew li l-kolliżjoni kienet dovuta għal xi difett fil-karrozza; kif ukoll eżonera lil-konvenut Cassar, għaliex l-attriċi ma pproċedietx kontra tiegħu bl-azzjoni ndiretta;

Illi l-Qorti taqbel mal-perit rigward il-konvenut Caruana, iżda ma tistgħax tadotta l-konklużjoni tiegħu fil-konfront tal-konvenut Cassar. Veru illi huwa, bħala assikuratur tal-karrozza ta' Caruana, ma kellux relazzjoni mal-attriċi, li sofriet il-ħsara in kwistjoni, iżda hu veru wkoll illi huwa, wara li ġie mgħarraf minnha b'dik il-ħsara bl-ittra uffiċjali tat-22 ta' Awissu 1960 (fol. 85), ħa konjizzjoni tal-"claim" minnha avanzata (fol. 86), u b'hekk inħoloq rapport ġdid, dak ċjoè li l-kumpannija rappreżentata mill-konvenut Cassar, jekk ikun il-każ, tħallas lill-attriċi l-indenniz xieraq; u konsegwentement ma jistgħax jingħad iżjed li l-konvenut Cassar hu estraneu di fronti għall-attriċi (ara f'dan is-sens Kollez. Vol. XXXVII-I-140); u allura, kif jgħid Halsbury, "there is thus a statutory debt for which the third party can sue" (Laws of England, Vol. XVIII § 913 nota (2) in calce, Hailsham Edition). Taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-attriċi setgħet, kif għamlet, tesperixxi d-drittijiet tagħha anki kontra l-konvenut Cassar nomine;

Illi, kwantu għar-ripartizzjoni tal-ħsara, il-perit issottometta . . . . . minn dan, il-Qorti targumenta illi l-ħtija tat-tnejn hija sostanzjalment xorta, u l-ħsara hija għalhekk ripartibbli bejniethom f'ishma ndaqs;

Illi l-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-perit ma ġietx bl-ebda mod kontestata, u l-Qorti, wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali, ma ssibx raġuni biex titbiegħed minn dik il-likwidazzjoni;

Għal dawn l-motivi;

Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi, u tiddikjara illi l-kolliż-

joni "de qua" saret bi ħtija fi grad ugwali tal-konvenut Gordon u tal-imsejjaħ fil-kawża Carmelo Vella; bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Tilqa' t-tieni talba, u tikkundanna lill-konvenut Gordon u l-imsejjaħ fil-kawża Carmelo Vella jħallsu lill-attriċi s-somma ta' £17. 10. 0d, u lill-konvenut Cassar nomine iħallas minnhom ir-rata nkorsa minn Gordon ta' £8.15. 0d, bl-ispejjeż; iżda fir-rapporti nterni bejn l-istess konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża l-ispejjeż jitħallsu "pro rata";

U tillibera mid-domandi lill-konvenut Caruana, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.